ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 58    L-ERBGĦA, 24 T'APRIL 2019**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar l-Erbgħa fis-7.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier

Daniel Bugeja - Kunsillier
Mattea Sghendo – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Antoine Saliba Haig – Kunsillier

**ASSENTI**
Robert Reno Cremona – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.localgovernment.gov.mt.

**58/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**58/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Antoine Saliba li ma setax jattendi l-laqgħa minħabba li kien imsiefer. Il-Kunsill qabel unanimament li l-assenza kienet għal raġuni ġustifikata u għaldaqstant m'għandux jsir nuqqas fl-*allowance*.

**58/02/01 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 57**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 57 li nżammet nhar it-Tnejn, 8 t'April 2019 minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**58/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**58/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** fakkar lill-membri li l-Ġimgħa se tinzamm s-Serata fl-okkazjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Kunċert tal-Għaqda Muzikali San Ġorġ u ħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi.

58/04/02 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** nfurma li l-Liġi għall-Gvern Lokali għaddiet mill-Parlament u fadal biss l-aħħar fażi. Infurma li skont il-Liġi r-Reġjun se jibqgħu fis-seħħ sas-2022 u wara jsir it-tibdil skont ir-riforma, fejn f'Malta jiġi ffurmat is-sitt Reġjun. Is-Sindku nfurma li l-Kunsill il-ġdid jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2019. Dan ifisser li l-kunsilliera li ma jiġux eletti fl-elezzjonijiet li ġejjin, se jibqgħu fil-kariga sat-30 ta' Ġunju 2019.

58/04/03 **Is-Sindku Jesmond Aquilina** talab li jintbagħat komunikat lill-għaqdiet lokali sabiex ma jinħolqux diffikultajiet bla bżonn fejn jidħlu stediniet matul ix-xahar ta' Ġunju. Is-Sindku qal li huwa mportanti li jibqa' jiġi osservat il-Protokoll Lokali.

58/04/04 Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-membri eletti se jieħdu l-ġurament nhar it-18 ta' Ġunju'19.

58/04/05 Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li l-Kunsill għadu qed jagħmel il-pressjoni meħtieġa mal-Kuntrattur responsabbli sabiex jitkompla l-proġett ta' Triq San Bastjan. Dan minħabba l-fatt li fid-9 ta' Lulju se jibdew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa ta' San Bastjan.

**54/04/05 Audited Financial Statements**

**Is-Segretarju Eżekuttiv Karen Camilleri** poġġiet fuq il-mejda l-Audited Financial Statements Jan-Dec'18 għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li jidher li ma kienx hemm differenzi kbar mill-Mid-Term Audited Finacial Statements.

Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri.

Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi ssekonda.

IL-Audited Financial Statements ġew approvati b'mod unanimu.

**58/05 Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda r-Rapport tal-Bord tal-Għażla għall-vakanza ta' Skrivana mal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsill iddiskuta r-rapport ippreżentat u laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu r-rapport tal-Bord tal-Għażla Vakanza ta' Skrivan mal-Kunsill Lokali.

**58/06/01 Tenders**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** poġġa fuq il-mejda t-Tender Evaluation Report Renovation of Ġnien in Triq Sajf.

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (9) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva**

**58/06/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** poġġa fuq il-mejda t-Tender Evaluation Report Repair and Restoration of Agricultural Land Boundaries in the Locality of Ħal Qormi. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurmat li minħabba nuqqas ta' fondi, dan il-proġett mhux se jkun qed isir.

Il-Kunsill approva unanimament ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni.

**58/07 Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-Korrispondenza għall-attenzjoni tal-membri;

**58/07/01 Soċjeta' Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja ta' korrispondenza li rċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Mario Cardona f'isem is-Soċjeta' Filarmonika Pinto fejn qed jitolbu għajnuna finanzjarja tal-Kunsill sabiex jiġi ppubblikat ktieb dwar l-istorja tas-Soċjeta' li jitqassam lill-istudenti tal-iskola primarja.

Il-Kunsill, filwaqt li jaqbel ma' din l-inizzjattiva, talab li jkollu aktar informazzjoni dwar din il-pubblikazzjoni.

**58/07/02 Talba għal Refużjoni wara ħsarat minħabba ħofra fi Triq il-Belt Valletta**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja ta' korrispondenza li rċieva l-Kunsill dwar talba għal refużjoni wara li resident ġarrab ħsarat fil-vettura tiegħu minħabba ħofra fi Triq il-Belt Valletta. Il-Kunsill approva l-ħlas ta' €90 għal ħsarat imġarrba.

**58/08 Mistoqsijiet mill-Kunsiliera**

**58/08/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa hux possibli li f'Ħal Qormi jiġi ntrodott it-Timed Parking Scheme. Is-Sindku Jesmond Aquilina nfurma li Transport Malta kienet waqqfet milli timplimenta din il-policy.

**58/08/02** **Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa dwar talba għall-installar ta' Sleeping Police fi Triq Santa Katerina. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġew xi residenti u qed tistenna mingħandhom ittra ffirmata u pjanta ndikattiva fejn qed jitolbu li ssir.

**58/08/03** **Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa jekk hux possibli li s-service road fi Triq il-Mitħna tistax issir mal-proġett ta' Triq l-Għargħar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota sabiex tgħaddi t-talba għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

58/08/04 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia talab li jsir repaint ta' STOP sign fi Triq il-Ġunġlien k/m Triq Amleto Spiteri

58/08/05 Il-Kunsillier Renald Falzon staqsa jekk hux possibli li jiġu nstallati tabelli 'Attention Horses' f'Wied is-Sewda.

58/08/06 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia staqsa hux possibli li l-Kunsill jirraporta tlett vetturi mitluqa fi Triq il-Blata.

58/08/07 Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi staqsa dwar ir-Representation Letter ta' CenterParc. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-representation letter ma ġietx milqugħa mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

58/08/08 Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi staqsa fhiex wasal il-proġett tar-Rural Roads. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħol min-naħa tal-Kuntrattur tlesta fil-bidu ta' Jannar, iżda s'issa baqa' ma ppreżentax it-testijiet tal-Konkos u l-invoices tax-xogħlijiet.

**58/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2019.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ippropona l-approvazzjoni tal-Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Renald Falzon** issekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**58/09 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATI**
Jesmond Aquilina
Sindku

**IFFIRMATI**
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv

**Minuti kkonfermati llum 13 ta' Mejju 2019.**